MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Appell Civili Numru. 39/2012/1

**Edward Camilleri bħala segretarju u in rappreżentanza tas-soċjetà *Aura Development Company Limited*; u b'digriet tat-12 ta' Lulju 2002 Benjamin Rizzo ġie nominat bħala stralċjarju tas-soċjetà attriċi minflok l-attur Edward Camilleri**

***v.***

**Carmelo magħruf bħala Charles Vella; u b'digriet tal-5 ta' Frar 2004 Esther Vella ġiet nominata bħala kuratur deputat biex tirrappreżenta l-eredità ġjaċenti ta' Carmelo magħruf bħala Charles Vella li miet fil-mori tal-kawża**

1. Dan il-provvediment huwa dwar talba magħmula mill-konvenuta rikorrenti taħt l-art. 823(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għat-twaqqif tal-esekuzzjoni ta' sentenza sakemm tinstema' talba, magħmula mill-istess konvenuta rikorrenti taħt l-art. 811 tal-istess Kodiċi, għat-tħassir tagħha u s-smigħ mill-ġdid tal-kawża.

2. L-art. 823, li jirregola t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza sakemm tinstema' t-talba għar-ritrattazzjoni, igħid hekk:

**823.** (1) It-talba għar-ritrattazzjoni ma twaqqafx l-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata.

(2) B'dak kollu li hemm fid-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), il-qorti li quddiemha tintalab ritrattazzjoni tista', ad istanza, b'rikors kemm quddiem il-Qorti tal-Appell kemm quddiem il-qorti tal-ewwel grad, tal-parti li tagħmel dik it-talba, tordna t-twaqqif ta' esekuzzjoni tas-sentenza jekk -

(*a*) flimkien mat-talba tagħha dik il-parti tagħti garanzija tajba għall-esekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tiġix imħassra, magħduda dik il-garanzija kif imsemmija fl-artikolu 266(10); u

(*b*) jiġi muri għas-sodisfazzjon tal-qorti illi l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaġuna preġudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif tal-esekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja.

(3) Il-garanzija msemmija fis-subartikolu (2)(a), meta tinghata, ghandha fil-kazijiet kollha tahdem bhala twaqqif ta' esekuzzjoni ta' sentenza li tordna l-arrest jew prigunerija tad-debitur.

(4) Il-preżentata tar-rikors li jkun fih it-talba għat-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata ma għandhiex taħdem bħala twaqqif ta' esekuzzjoni ta' dik is-sentenza kemm-il darba, wara rikors f'dak is-sens, il-qorti ma tordnax għal raġuni tajba dak it-twaqqif ta' esekuzzjoni.

(5) Meta l-esekuzzjoni ta' sentenza tkun ġiet awtorizzata bis-sentenza attakkata ma għandhomx japplikaw id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (2), (3) u (4).

3. L-attur intimat oppona għat-talba għat-twaqqif tal-esekuzzjoni għal dawn ir-raġunijiet:

i. għax is-sentenza attakkata (sentenza mogħtija minn din il-qorti fil-11 ta' Novembru 2011) ikkonfermat

sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Jannar 2009 li ikkundannat lill-konvenuta tagħmel ix-xogħlijiet imsemmija fis-sentenza; għalhekk il-konvenuta rikorrenti hija miżmuma bl-art. 823(1) u (5) milli tagħmel it-talba għat-twaqqif tal-esekuzzjoni;

ii. għax il-konvenuta rikorrenti ma tatx il-garanzija li jrid l-art. 823(2)(*a*); u

iii. għax, fil-meritu, ma hemmx raġunijiet tajba għat-twaqqif tal-esekuzzjoni.

4. L-ewwel eċċezzjoni tal-attur intimat, imsejsa fuq l-art. 823(1) u (5), hija, fil-fehma ta' din il-qorti, infondata. Tassew illi l-art. 823(1) jgħid bħala regola ġenerali illi "t-talba għar-ritrattazzjoni ma twaqqafx l-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata", iżda għal din ir-regola ġenerali hemm l-eċċezzjoni msemmija fl-art. 823(2) li tgħodd "b'dak kollu li hemm fid-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1)".

5. L-art. 823(5), imbagħad, igħodd meta s-sentenza attakkata tkun waħda li tawtorizza l-esekuzzjoni ta' sentenza oħra, waqt li fil-każ tallum dik li qiegħda tiġi attakkata hija s-sentenza nfisha u mhux sentenza li tawtorizza l-esekuzzjoni tagħha. Sentenza fi grad ta' appell li tikkonferma sentenza ta' qorti tal-ewwel grad ma hijiex sentenza li tawtorizza l-esekuzzjoni ta' sentenza oħra għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu.

6. It-tieni eċċezzjoni tgħid illi ma ngħatatx garanzija għall-esekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tiġix imħassra.

7. Tassew illi dik il-garanzija ma ngħatatx. Ormai, iżda, ilu li ġie stabbilit minn dawn il-Qrati[1] li l-garanzija biex tagħmel tajjeb għad-drittijiet tal-kreditur li tintalab is-sospensjoni tagħhom mhijiex komponenti *sine qua non* tal-azzjoni stabbilita mill-artikolu msemmi għaliex ġie ritenut li kieku kien hekk is-subinċiż (3) tal-artikolu 823 msemmi ma kienx juża l-frażi "meta tingħata" liema frażi tindika li "mhux dejjem tingħata".

[1] Ara f'dan is-sens id-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell Albert Rizzo v Agnes Bezzina et, 10 Jannar 1995; Carmela sive Carrie Micallef v Alfred Mangion, 2 Gunju 2005; u Kunsill Lokali Mellieha et v Central Mediterranean Development Corporation Limited et, 18 Otturbru 2005 u dawk tal-Qorti tal-Appell sede inferjuri fl-ismijiet Michael Cutajar v Roberta Muscat, 16 Dicembru 2002; Palmar Limited v Victor Ciantar, 10 Jannar 2003;

8. Għalhekk ma jistax jiġi ritenut li l-att huwa null għaliex "nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi" – art 789(1)(*d*) Kod. Proċ. Ċiv. u għaldaqstant din it-tien eċċezzjoni qed tiġi wkoll respinta.

9. B'danakollu, din il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba tar-rikorrent għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza mingħajr ma r-rikorrent jipprovdi l-garanzija indikata mil-liġi u dan konsiderati d-drittijiet tal-intimata ġia` akkwiżiti bis-sentenza ritrattata u l-fatt li t-talba għas-sospensjoni hi deroga għar-regola stabbilita fl-Artikolu 823(1).

10. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tipprovdi billi tagħti lill-konvenuta rikorrenti żmien ta' għaxart ijiem millum sabiex tagħti garanzija għall-ispejjeż li, kif għandu jidher minn ċertifikat maħruġ minn perit arkitett u minnu maħluf, ikunu meħtieġa sabiex jitwettqu x-xogħlijiet ordnati fis-sentenza attakkata, u dan sabiex l-attur intimat ikun jista' jagħmel kull sottomissjoni li jidhirlu xierqa dwar l-idoneita` tal-garanzija offerta.

11. Dwar l-ispejjeż ta' dan l-episodju jkun hemm deċiżjoni fil-provvediment finali.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------